

Brussell, 13 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10265/25

CORDROGUE 77
SAN 359
EUDA
EUROPOL

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Ġunju 2025
lil:	Delegazzjonijiet

Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt li jindirizza t-theddid ta' drogi sintetiċi ġodda u sustanzi psikoattivi ġodda fl-Unjoni Ewropea
----------	--

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt li jindirizza t-theddid ta' drogi sintetiċi ġodda u sustanzi psikoattivi ġodda fl-Unjoni Ewropea, kif approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4102 laqgħa tiegħu fit-12 ta' Ġunju 2025.

**Il-Patt li jindirizza t-theddid ta' drogi sintetiċi ġodda u sustanzi psikoattivi ġodda fl-Unjoni
Ewropea**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Filwaqt li jirrikonoxxi l-kisbiet tal-Patt Ewropew tal-2011 Kontra d-Drogi Sintetiċi¹ u jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi indirizzat it-theddid li qed jevolvi rapidament ikkaġunat mid-drogi sintetiċi għal skopijiet mhux mediċi u mhux xjentifiċi, b'mod partikolari l-oppjojdi sintetiċi u l-katinoni sintetiċi, kif enfasizzat fir-Rapport Ewropew dwar id-Drogi tal-2024 u fil-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA) tal-2025.

Filwaqt li jafferma mill-ġdid l-impenn biex tiġi indirizzata l-kriminalità serja u organizzata relatata mad-droga u *filwaqt li jirrikonoxxi* t-theddida persistenti li toħloq għas-sikurezza, is-sigurtà u l-prosperità tal-Unjoni Ewropea u taċ-ċittadini tagħha.

Filwaqt li jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għal approċċ ibbażat fuq l-evidenza, integrat, ibbilanċjat u multidixxiplinari għall-fenomeni tad-droga li jindirizza t-tnaqqis fil-forniment tad-droga, it-tnaqqis fid-domanda għad-droga permezz tal-prevenzjoni u s-servizzi ta' trattament u kura, filwaqt li jindirizza l-ħsara relatata mad-droga, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025² u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025³.

¹ 15544/11.

² L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2021-2025), (ĠU C 102I, 24.3.2021, p. 1).

³ Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2021-2025) (ĠU C 272, 8.7.2021, p. 2).

Filwaqt li jfakkar li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE biex jiġu miġġielda l-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga⁴, ippubblikata fit-18 ta' Ottubru 2023, tinkludi ċerti azzjonijiet biex jiġi indirizzat it-theddid tad-drogi sintetiċi, fosthom il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' designer precursors, it-tkissir tan-networks kriminali u l-ħolqien ta' alleanzi, f'konformità mal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 kif ukoll l-Istrateġija tal-UE Biex Tiġi Miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025⁵.

Filwaqt li jinnota li l-Kummissjoni bħalissa qed twettaq l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025, li r-riżultati tagħha ser jappoġġaw it-tnejn tal-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar id-drogi.

Konxju mis-Sejħa għal azzjoni tad-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) lis-sħab tal-UE u lill-Istati Membri dwar it-tnejn għal oppjoġdi sintetiċi ġodda u r-rispons għalihom.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) bħala waħda mill-elementi ewlenin tar-rispons operazzjonali tal-UE għall-kriminalità organizzata, inkluż it-theddid ta' drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda, permezz tat-trawwim ta' kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, investigazzjonijiet konġunti, u qsim tal-intelligence fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u s-sħab internazzjonali.

Filwaqt li jenfasizza l-importanza, fost oħrajn, ta' mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk doganali, biex titjeb l-effettività tal-investigazzjonijiet transfruntieri, jiġu mfixkla n-networks tat-traffikar, u titjeb id-detezzjoni u l-prevenzjoni ta' reati relatati mad-drogi sintetiċi.

Filwaqt li jinnota r-rwol kritiku tas-Sistema ta' Twissija Bikrija (STB) tal-UE fl-identifikazzjoni tas-sustanzi psikoattivi ġodda (SPĠ) li jfeġġu, u fil-valutazzjoni tar-riskji li joħolqu u r-rispons għalihom, billi twettaq valutazzjonijiet formali tar-riskju biex jiġu appoġġati l-miżuri ta' kontroll.

⁴ 14114/23.

⁵ 8085/21.

Filwaqt li jinnota l-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Twissija dwar id-Drogi biex jiġu identifikati r-riskji serji relatati mad-droga għas-saħħa, il-benesseri soċjali, is-sikurezza u s-sigurtà, u biex dawn jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet nazzjonali, lill-prattikanti, lil dawk li jfasslu l-politika u lill-pubbliku.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-istabbiliment tan-network il-ġdid ta' laboratorji li jista' jappoġġa t-tnejn f'dan il-qasam, imsejjes fuq data forensika u tossikoloġika kkonfermata b'mod analitiku.

Filwaqt li jinnota l-istabbiliment tal-mekkaniżmu l-ġdid ta' Valutazzjoni tat-Theddid tal-EUDA li r-rwol tiegħu huwa li jivvaluta u jidentifika r-risponsi għat-theddid għas-saħħa u s-sigurtà relatat mad-droga li qed ifeġġ fl-Ewropa.

Filwaqt li jirrikonoxxi r-riskji assoċjati mal-proliferazzjoni tad-drogi sintetiċi u t-theddid dejjem jiżdied li dawn joħlqu għas-saħħa u s-sigurtà pubbliċi, b'mod partikolari l-oppoġdi sintetiċi bħall-fentani, l-analogi tiegħu, u n-nitazeni, li qed jikkontribwixxu dejjem aktar għall-imwiet minn dożi eċċessivi f'ċerti reġjuni tal-Ewropa.

Filwaqt li jfakkar fir-risoluzzjoni 68/5 tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi ta' Marzu 2025, li ttejjeg lill-Istati Membri jipromwovu u jipprovdu antagonisti tar-riċetturi tal-oppoġdi, bħan-nalossan jew mediċini oħra li jtejjegħu lura d-dożi eċċessivi ta' oppoġdi, bħala miżura ta' emerġenza li ssalva l-ħajjiet, kif ukoll fir-risoluzzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, bħar-risoluzzjonijiet 67/4, 62/4 u 55/7, li jenfasizzaw l-importanza tal-antagonisti tar-riċetturi tal-oppoġdi, bħan-nalossan, fit-tnaqqis tal-mortalità relatata mad-droga.

Filwaqt li jirrikonoxxi li l-oppoġdi sintetiċi jistgħu jinfirxu malajr, u li huwa essenzjali li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jwieġbu għal dan malajr u b'mod effettiv, fost oħrajn billi jiżguraw li l-professjonisti fil-qasam ikunu disponibbli, imħarrġa u mġammra biżżejjed b'teknoloġija ta' detezzjoni biex jidentifikaw sinjali ta' twissija bikrija u jikkomunikawhom minnufih lill-awtoritajiet rilevanti.

Filwaqt li jenfasizza l-proliferazzjoni ta' kannabinojdi sintetiċi u semi-sintetiċi, katinoni sintetiċi u ketamina, li għadhom sfida sinifikanti għas-saħħa pubblika, l-infurzar tal-liġi, u l-oqfsa regolatorji.

Filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ komprensiv għat-theddid tad-drogi sintetiċi billi tingħata kura bbażata fuq l-evidenza u aċċessibbli lil persuni li jużaw id-drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda, fost oħrajn trattament, prevenzjoni, tnaqqis tal-ħsara, u fejqan, filwaqt li r-risponsi tas-saħħa pubblika u tal-infurzar tal-liġi jiġu integrati wkoll biex il-problema tiġi indirizzata b'mod effettiv u jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika dwar id-drogi.

Filwaqt li jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE bħala reġjun ewlieni kemm ta' utenti kif ukoll produttori ta' drogi sintetiċi għal skopijiet mhux mediċi u mhux xjentifiċi, b'mod partikolari l-MDMA, l-amfetamina u l-metamfetamina, kif ukoll il-katinoni sintetiċi, u jinnota l-użu ħażin dejjem jiżdied tal-ketamina, li jeħtieġ approċċ proattiv.

*Filwaqt li jirrikonoxxi l-metodi avvanzati li jintużaw mill-gruppi tal-kriminalità organizzata biex iduru mar-regolamenti eżistenti, fosthom l-użu ta' prekursuri u prekursori moħbija, u *filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li tintuża d-dispożizzjoni "li tkopri kollox", fejn applikabbli, u biex jitqiesu aġġornamenti legali u tekniċi għar-regolamenti tal-UE dwar il-prekursuri li jibnu fuq l-eżitu tal-evalwazzjoni tar-regolamenti tal-UE dwar il-prekursuri tad-droga.**

Filwaqt li jenfasizza l-importanza ta' ġestjoni u kontroll effettivi tar-riskji doganali tad-drogi sintetiċi, sustanzi psikoattivi ġodda u prekursori tad-droga, anke permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali.

*Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol tal-pjattaformi online, inkluż is-swieq tad-dark net u l-web miftuħ, fil-faċilitazzjoni tal-bejgħ u d-distribuzzjoni tad-drogi sintetiċi, is-sustanzi psikoattivi ġodda u l-(pre)prekursuri tagħhom, u *filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ imsaħħa, miżuri effettivi biex jiġi kkontrollat il-bejgħ online, u kooperazzjoni msaħħa mas-settur privat.**

Filwaqt li jenfasizza l-importanza tal-prinċipju "segwi l-flus" u tal-investigazzjonijiet finanzjarji bħala għodda ewlenija biex jiġu mfixkla l-attivitajiet tan-networks kriminali involuti fil-produzzjoni u t-traffikar tad-drogi sintetiċi, inkluż miżuri għall-iffriżar u l-konfiska tal-assi, fosthom il-kriptovaluti, marbuta ma' attivitajiet kriminali, f'konformità mal-pakkett tal-UE Kontra l-Ħasil tal-Flus u d-Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi⁶.

Filwaqt li jirrikonoxxi r-riskji ambjentali u tas-saħħa maħluqa mir-rimi illegali ta' kimiċi u skart tossiku mill-produzzjoni tad-drogi sintetiċi u s-sustanzi psikoattivi ġodda, u filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni koordinata biex titnaqqas kemm jista' jkun il-ħsara ambjentali. Filwaqt li jinnota li r-reati ambjentali għadhom waħda mill-aktar attivitajiet illegali li jħallu qligħ, kif enfasizzat fil-konkluzzjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlied kontra l-kriminalità ambjentali transfruntiera⁷.

Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-ħtieġa ta' aktar detezzjoni, investigazzjoni, u żarmar ta' laboratorji illeċiti tad-drogi sintetiċi, sustanzi psikoattivi ġodda u (pre)prekursuri, b'enfasi fuq l-iżgurar tas-sikurezza tal-persunal tal-infurzar tal-liġi u l-ħarsien tal-ambjent, kif inhu deskritt fir-risoluzzjoni 68/5 ta' Marzu 2025 tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

Filwaqt li jirrikonoxxi t-tendenzi varji tal-produzzjoni tad-drogi sintetiċi u s-sustanzi psikoattivi ġodda fl-Istati Membri u l-importanza ta' għarfien imtejjeb tas-sitwazzjoni, fost oħrajn permezz ta' għbir tad-data, qsim tal-intelligence, u analiżi fil-monitoraġġ u r-rispons għall-varjazzjonijiet reġjonali b'mod effettiv.

Filwaqt li jissottolinja l-ħidma mwettqa mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Europol, is-CEPOL u l-EUDA fl-għoti ta' programmi ta' taħriġ speċjalizzat lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi dwar id-detezzjoni, iż-żarmar u t-trattament sikur ta' laboratorji illeċiti ta' drogi sintetiċi, sustanzi psikoattivi ġodda u (pre)prekursuri, sabiex jiġu żgurati metodi sikuri u effettivi għaż-żarmar ta' faċilitajiet ta' produzzjoni illeċiti.

⁶ Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi (ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024).

⁷ 14182/24.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-ħidma ta' Ċentru Internazzjonali ta' Taħriġ għall-Ġlieda kontra l-Laboratorji Klandestini, stabbilit fil-Polonja u kofinanzjat mill-UE⁸, flimkien ma' ċentri ta' taħriġ simili fin-Netherlands, il-Belġju u l-Ġermanja, fl-għoti ta' taħriġ speċjalizzat fil-livell nazzjonali u lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, kif ukoll fit-trawwim tal-iskambju tal-aħjar prattiki, fl-indirizzar tal-produzzjoni tad-drogi sintetiċi u s-sustanzi psikoattivi ġodda.

Filwaqt li jenfasizza l-importanza li jinħolqu sinerġiji, fejn xieraq, bejn iċ-ċentri ta' taħriġ speċjalizzati fiż-żarmar tal-laboratorji illeċiti ta' drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda fl-UE, biex jissaħħa l-iskambju ta' għarfien espert, jiġu promossi metodi konsistenti u effiċjenti biex jitrawwem approċċ aktar koordinat għall-indirizzar effettiv tal-produzzjoni tad-drogi sintetiċi.

Filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi kkoordinati fil-livell internazzjonali biex l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, flimkien mas-sħab internazzjonali, jindirizzaw it-theddid ta' drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda, speċifikament u permezz ta' djalogi ddedikati mar-reġjuni u l-pajjiżi prijoritarji, kif ukoll permezz tal-Koalizzjoni Globali biex Tindirizza t-Theddid tad-Drogi Sintetiċi u fil-livell multilaterali, inkluż il-Kummissjoni tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi.

1. *Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE jagħmlu aktar sforz fl-indirizzar tat-theddid ta' drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda, b'attenzjoni partikolari għall-oppjojdi sintetiċi u għall-katinoni sintetiċi, minħabba l-qawwa kbira u l-potenzjal ta' dożaġġ eċċessiv tagħhom.*
2. *Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE jtejbu l-fehim tagħhom tal-produzzjoni, it-traffikar u l-użu tad-drogi sintetiċi u s-sustanzi psikoattivi ġodda, inkluż il-metodi ta' produzzjoni, ir-rotot tat-traffikar, u t-tendenzi fl-użu tagħhom.*

⁸ Kofinanzjat mill-Programm għall-Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità.

3. *Jirrakkomanda* li l-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE jiżviluppaw u jimplimentaw politiki komprensivi, relatati mad-drittijiet tal-bniedem u bbażati fuq l-evidenza biex jipprevjenu l-użu tad-drogi sintetiċi u tas-sustanzi psikoattivi ġodda u jnaqqsu l-ħsara relatata, filwaqt li jinkorporaw l-edukazzjoni, l-involviment tal-komunità, l-intervent bikri, ir-riċerka kontinwa, il-miżuri politiċi mmirati, it-taħriġ professjonali u s-servizzi ta' appoġġ imsaħħa.
4. *Iħeġġeġ* lill-Istati Membri u lill-aġenziji rilevanti tal-UE jtejbu l-monitoraġġ, il-komunikazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni strutturati u effettivi, b'mod partikolari fost il-professjonisti fil-kura tas-saħħa, l-entitajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet tad-dwana u s-servizzi soċjali, biex jiġu appoġġati l-prevenzjoni bikrija, id-detezzjoni bikrija u l-mitigazzjoni ta' tifqigħat potenzjali ta' oppjojdi sintetiċi.
5. *Jistieden* lill-EUDA tkompli tappoġġa lill-Istati Membri, f'konformità mal-mandat tagħha, fir-rigward tas-sistemi nazzjonali ta' monitoraġġ u twissija rigward id-drogi sintetiċi biex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi l-ġodda.
6. *Jistieden* lill-Istati Membri jivvalutaw miżuri u jiżviluppaw l-aħjar prattiki li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-ħsarat soċjali u għas-saħħa permezz ta' servizzi ta' prevenzjoni, trattament, kura u fejqan, kif ukoll permezz ta' inizjattivi biex jitnaqqsu r-riskji u l-ħsara bħal programmi ta' skambju tal-labar u s-siringi, terapiji ta' sostituzzjoni tal-oppjojdi, f'konformità mal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, u prevenzjoni ta' dożaġġ eċċessiv, fost oħrajn billi jippromwovu u jipprovdu taħriġ dwar il-ġestjoni ta' dożi eċċessivi u aċċess għall-antagonisti tar-riċetturi tal-oppjojdi, bħan-nalossion jew mediċini oħra li jregġġghu lura d-dożi eċċessivi ta' oppjojdi, bħala miżura ta' emerġenza li ssalva l-ħajjiet⁹, bħala parti minn approċċ ibbilanċjat u bbażat fuq l-evidenza biex jiġi indirizzat it-theddid ta' drogi sintetiċi. *Jistieden* lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikomplu jappoġġaw ir-riċerka u l-miżuri biex jitnaqqsu l-ħsarat soċjali u għas-saħħa tal-użu tad-droga, inkluż permezz ta' opportunitajiet ta' finanzjament.

⁹ Ir-riżoluzzjoni 68/5 tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, op 1 (c), ta' Marzu 2025.

7. *Jistieden* lill-Istati Membri, bl-għan li jitjiebu l-għarfien ibbażat fuq l-evidenza, il-kapaċità ta' antiċipazzjoni u t-tħejjija b'rabta mat-theddid għas-saħħa kkaġunat mill-użu mhux mediku u mhux xjentifiku tad-drogi sintetiċi u s-sustanzi psikoattivi ġodda, jipprovdu u jtejbu, f'konformità mal-oqfsa ta' protezzjoni tad-data u dawk legali applikabbli, l-eżamijiet forensiċi, l-awtopsji u r-rappurtar tossikoloġiku — inkluż permezz ta' data (psewdo)anonimizzata fejn xieraq — f'każijiet ta' trattament mediku (ta' emerġenza) jew investigazzjonijiet dwar il-kaġun ta' mewt.
8. *Jistieden* lill-Istati Membri biex isegwu mill-qrib il-preskrizzjoni ta' mediċini awtorizzati li fihom l-oppjojdi u l-użu tagħhom għal finijiet lil hinn minn dawk awtorizzati jew preskritti, b'mod partikolari għal effetti psikotropiċi mhux mediċi, kif ukoll il-manifattura, it-traffikar u l-użu ta' mediċini kontrafatti li fihom l-oppjojdi.
9. *Ihegġegħ* l-iżvilupp ulterjuri ta' programmi ta' taħriġ speċjalizzat, abbażi tal-evidenza disponibbli fil-kuntest tat-theddida l-ġdida, għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jew persunal rilevanti ieħor, dwar id-detezzjoni, u ż-żarmar ta' laboratorji illeċiti tad-drogi sintetiċi u s-sustanzi psikoattivi ġodda, u t-trattament sikur tagħhom f'kooperazzjoni mal-Europol, is-CEPOL u l-EUDA, notevolment bħal dawk żviluppati miċ-Ċentru Internazzjonali ta' Taħriġ għall-Ġlieda kontra l-Laboratorji Klandestini, stabbilit fil-Polonja, u ċentri ta' taħriġ oħra rilevanti fl-UE, inkluż dawk ibbażati fin-Netherlands, il-Belġju u l-Ġermanja.
10. *Ihegġegħ* lill-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Europol, is-CEPOL u l-EUDA jikkordinaw f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom l-iżvilupp ta' linji gwida standardizzati għaż-żarmar ta' laboratorji illeċiti ta' drogi sintetiċi, filwaqt li jiżguraw is-sikurezza tal-persunal tal-infurzar tal-liġi u jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħsara ambjentali kkawżata mill-iskart tossiku, fost oħrajn, bil-ħsieb li jiġu adottati miċ-ċentri ta' taħriġ rilevanti fl-UE.
11. *Jistieden* lill-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, bħall-EUDA, tirrieżamina u tivvaluta l-ħtieġa ta' aġġornamenti għall-qafas leġiżlattiv dwar id-droga u l-prekursuri tas-sustanzi psikoattivi ġodda biex jiġu indirizzati t-theddid il-ġdid u l-isfidi li qed ifeġġu, bħall-użu ta' preprekursuri u prekursori moħbija, filwaqt li jiġu żgurati l-monitoraġġ u l-prevenzjoni effettivi tad-devjazzjoni tagħhom.

12. *Jistieden* lill-Istati Membri jrawmu l-qsim tal-intelligence u lill-Europol issaħħaħ l-appoġġ operazzjonali għall-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi sintetiċi, sustanzi psikoattivi ġodda u (pre)prekursuri, b'enfasi partikolari fuq gruppi kriminali u ktajjen ta' provvista transfruntieri.
13. *Jistieden* lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni man-Network Ewropew dwar l-Approċċ Amministrattiv li jindirizza l-kriminalità serja u organizzata u mal-entitajiet tas-settur privat, fosthom il-kumpaniji tal-kimika u dawk farmaċewtiċi, is-servizzi tal-posta u ta' konsenja, kif ukoll l-aġenziji tal-ħarsien ambjentali tal-Istati Membri, biex tiġi evitata d-dikjarazzjoni falza u ta' devjazzjoni tal-prekursuri u biex jissaħħaħ il-monitoraġġ ta' tranżazzjonijiet suspettużi, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa għall-kummerċ leġittimu.
14. *Iħeġġeġ* l-implimentazzjoni effettiva tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u ta' leġiżlazzjoni rilevanti oħra biex l-ispazju diġitali jiġi ssalvagwardat mit-theddid tad-drogi sintetiċi u s-sustanzi psikoattivi ġodda.
15. *Iħeġġeġ* lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi biex jittraċċaw, jiffriżaw u jikkonfiskaw ir-rikavat kriminali, inkluż il-kriptoaluti, li jirriżulta mill-produzzjoni u t-traffikar illegali ta' drogi sintetiċi, sustanzi psikoattivi ġodda u (pre)prekursuri, f'konformità mal-pakkett tal-UE Kontra l-Ħasil tal-Flus u d-Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi, kif ukoll jagħmlu użu mill-possibbiltà li jistabbilixxu Sħubijiet Pubbliċi Privati bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u s-settur privat f'konformità mal-pakkett tal-UE Kontra l-Ħasil tal-Flus.
16. *Jistieden* lill-Istati Membri, u lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji rilevanti tal-UE biex jintensifikaw il-kooperazzjoni politika u operazzjonali ma' pajjiżi terzi fil-livelli bilaterali u multilaterali biex jieħdu kont tat-theddid il-ġdid u jiġu mfixkla r-rotot tat-traffikar ta' prekursori u drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda, filwaqt li jibnu wkoll fuq l-għarfien espert tal-Uffiċjali ta' Kollegament tal-UE u l-ftehimiet bilaterali eżistenti.
17. *Jirrakkomanda* li t-theddid ta' drogi sintetiċi, sustanzi psikoattivi ġodda u (pre)prekursuri jiġi indirizzat fl-azzjonijiet esterni tal-UE u tal-Istati Membri dwar id-droga, inkluż programmi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-pajjiżi ta' tranżitu u ta' oriġini, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza mal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 u l-qafas strateġiku sussegwenti.

18. *Jirrakkomanda* lill-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi bħala l-korp ewlieni ta' koordinazzjoni għall-politika dwar id-drogi biex jimmonitorja l-iżviluppi relatati mal-Patt li jindirizza theddid ta' drogi sintetiċi ġodda u sustanzi psikoattivi ġodda fl-Unjoni Ewropea.
 19. *Iħeġġeġ* lill-Istati Membri jallinjaw l-isforzi nazzjonali tagħhom mal-għanijiet strateġiċi u l-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali tal-EMPACT dwar id-drogi sintetiċi.
 20. *Jirrakkomanda* l-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi biex jiġi indirizzat it-theddid tad-droga sintetika fil-qafas strateġiku futur tal-UE dwar id-drogi, inkluż il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga.
-